Minuti tal-laqgħa li tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 6 t'April 2022 fis-18:00 fil-Muniċipju, f'34 Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sra Janice Busuttil | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

**47.01** **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Talba u Ittri ta' apoloġija

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**47.02** **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru ħamsa u erbgħin (45) u sitta u erbgħin (46)**

Minuti

Il-minuti tal-laqgħat numru ħamsa u erbgħin u sitta u erbgħin kienu approvati unanimament u ffirmati wara li kienu proposti mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sra Doris Coleiro.

**47.03** **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 334 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 53**

Ċedola tal-pagamenti 334 u ta' Xogħlijiet 53

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 334 u dik tal-Ordni ta' xogħlijiet kienu approvati unanimament.

**47.04** **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Mistoqsijiet

**47.04.01** Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello qassam żewġ kotba lil kull kunsillier tas-Sra Pauline Dingli li għadhom kemm ġew mitbuħa filwaqt illi intqal illi applikajna għall-ISBN Number tal-ktieb Rabat Sacrum li qed imexxi l-pubblikazzjoni tiegħu, is-Sur Daniel Cilia.

Discover Rabat (l-ewwel u t-tieni ktieb) u Rabat Sacrum

**Fis-6:20pm** F'dan il-punt daħlu is-Sur Nazju Cassar u s-Sur Ian Vassallo

**47.04.02** Kien diskuss fit-tul il-kuntratt li se joħroġ għall-offerta tal-Handyman. Dan se jkun intitolat differenti u kopja tiegħu fejn jidħlu l-irwoli kienu murija fuq l-iscreen dak il-ħin mis-SE. Kien deċiż illi s-SE jgħaddi dan l-istess abbozz lill-kunsillieri minħabba li fejn jidħol it-twittija tal-konkos, qatran eċċ għandux ikun ikkunsidrat illi jkun hemm rati bil-materjal b'kollox inkluż.

Kuntratt tal-Handyman

**47.04.03** Is-Sur Ian Vassallo għamel ringrazzjament tiegħu tal-aħħar għaliex issa hu mistenni illi jħalli s-siġġu vakat biex imur fil-Parlament wara li kien elett fl-elezzjoni tas-26 ta' Marzu. Is-Sindku u l-kunsillieri irringrazzjawh tal-kontribut kbir tiegħu. Hu skuża ruħu illi kellu jħalli din il-kamra fis-7:25 minħabba mpenji oħrajn.

Siġġu vojt tas-Sur Ian Vassallo

**47.04.04** Is-Sur Christopher Farrugia staqsa dwar il-każ ta' Wied il-Qlejgħa fejn xi sidien tal-għelieqi qed jitolbu lill-KLR sabiex isirilhom pajp tal-ilma għat-

Pajp għat-tisqija tal-għelieqi

tisqija tal-għelieqi li jkun mgħoddi mit-triq pubblika. Dwar dan is-SE qal li għad m'għandux stima iżda hemm tulijiet sostanzjali.

f'Wied il-Qlejgħa

**47.04.05** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-proġett tal-ippavimentar ta' Pjazza Saqqajja. Hu qal illi dan il-permess hu mistenni li joħroġ mill-Awtorità tal-Ippjanar f'Lulju 2022 biex ix-xogħol jibda' permezz tal-kuntrattur Bonnici Brothers.

**47.04.06** Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' x-xogħol fi Ġnien Bir Iljun. Dan issa inbeda' mil-ħaddiema tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Intant se ssir iż-żabra fuq is-siġar taż-żnuber u ż-żebbug fl-istess ġnien fl-istess ġnien mil-kuntrattur tal-Kunsill.

Ġnien Bir Iljun

**47.04.07** Is-Sur Christopher Farrugia talab biex issir proposta għal struttura tat-traffiku bħal roundabout li għandha tkun qed tieħu in-konsiderazzjoni it-traffiku kif qed jgħaddi minn Triq Carlo Fiamingo kantuniera ma Triq Francesco Azzopardi f'tal-Virtù. Din ir-roqgħa ħamrija qiegħda falza minħabba l-one way system li qed toħloq off-set. Din il-proposta għandha tgħaddi għand Transport Malta.

Immaniġġjar tat-Traffiku f'Tal-Virtù

**47.04.08** Is-Sa Doris Coleiro talbet sabiex AX Holdings jaħslu Triq ir-Rgħajja u biex jagħmlu r-reinstatmenent tal-bankini fi Triq tal-Virtu' għaliex dawn it-toroq qed jitħammġu ħafna bil-volum tat-trakkijiet li qed ikunu inkarigati mil-ġarr tal-materjal biex terġa' tinbena' l-lukanda Verdala kif ukoll bit-tkissir tal-bankini għaliex jaqbduhom vetturi tqal bir-roti.

Diffikultajiet bi trakkijiet involuti mil-bini tal-lukanda Verdala.

**47.04.09** Is-Sur Rudolph Grima talab biex ikun hemm manutenzjoni fuq l-iskrizzjoni tal-monument tal-Pjazza tal-Parroċċa, (Ħaġra Tleqq) għaliex il-kliem m'għadux jinqara'. Dan se jkun ordnat fil-futur qrib.

Wording fuq l-iskrizzjoni Ħaġra Tleqq

**47.04.10** Is-Sa Janice Busuttil talbet sabiex il-plot vojta li qed jitfgħu l-iskart fiha fil-Housing Estate ta' Għeriexem tingħata l-konkos. Hija talbet biex jitpoġġew ukoll kontenituri tal-iskart fl-istess sit fejn bħalissa l-Gvern Ċentrali qed jagħmel il-bankini ġodda.

Housing Estate ta' Għeriexem – plot vojta, kontenituri tal-iskart u bankini.

**47.04.11** Is-Sur Nazju Cassar talab biex arblu tad-dawl b'lanterna tal-istreet lighting fi Triq San Aristarku jinbidel ma wieħed double arm fl-istess sit. Dan għaliex hemm nuqqas ta' dawl f'din il-junction importanti.

Illuminazzjoni tad-dawl tat-triq fi Triq San Aristarku

**47.04.12** Il-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti talab sabiex issir manutenzjoni fuq arblu tad-dawl li qed jisparkja. Hu pprovda is-sit eżatt permezz ta' pin; https://maps.app.goo.gl/Gz9PxCdCtDmmWTDEA

Arblu li qed jisparkja

**47.04.13** Is-Sur Nazju Cassar talab li ssir manutenzjoni tat-triq fejn il-Villa ta' Mintoff fl-Imtaħleb. Hawnhekk jidher illi t-triq hija passaġġ tal-konkos li trid tkun imsewwija bl-istess konkos u mhux bil-qatran.

Manutenzjoni fl-Imtaħleb

**47.04.14** Is-Sur Christopher Farrugia ippropona illi fil-pjanti proposti tal-promenade tal-Virtù, jittieħdu in konsiderazzjoni il-proposta ta' underground cables fuq l-istess promenade biex jinħbew l-istess wires.

Underground Cables fuq il-promenade tal-Virtù

**47.04.15** Is-Sa Doris Coleiro irrappurtat arblu tad-dawl li jinsab kważi fis-siġra fi Triq Sant Aristarku viċin il-blata illi dan se jaqa' minn mument għall-ieħor speċjalment bir-riħ qawwi.

Arblu tad-dawl se jaqa'

**47.04.16** Is-Sa Janice Busuttil talbet sabiex isir il-ħasil tas-solar panels li hemm imwaħħla fuq il-bankina fuq il-promenade ta' Għeriexem. Dan għaliex minħabba ix-xita tal-ħamrija ma kienux qed jiġġeneraw enerġija permezz tal-elettriku li jista' jkun qed jaffettwa ic-charging point tal-vetturi elettriċi.

Ħasil ta' pannelli

**47.05** **Rapport Annwali Amministrattiv 2021**
Ir-rapport annwali amministrattiv kien approvat wara li kienu approvati l-Financial Statements 2021 u issa l-Awditur beda bil-field work.

Rapport Annwali Amministrattiv

**47.06** **Budget 2022 – draft**
Il-Budget 2022 kien approvat unanimament fis-seduta preċedenti għaliex kopja tiegħu kienet meħtieġa urġenti minħabba l-applikazzjoni tal-Fondi ta' Aġġustament 2022 li daħlet id-dipartiment għall-Gvern Lokali nhar il-21 ta' Marzu 2022.

Budget 2022

**47.07** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-permessi tal-kabbani fil-Festa ta' San Ġużepp**
Is-Sindku qal illi hu tal-parir illi qabel ma jinħarġu l-permessi tal-festa biex jarmaw il-kabbani għandha ssir laqgħa mal-Pulizija. Dan għaliex dawk il-kabbani illi fl-imgħoddi kienu jarmaw quddiem is-Serkin u quddiem il-bini tat-Tlata, ma jistgħux jitħallew jarmaw iżjed hemm għaliex minn sentejn 'l hawn issa nħarġu l-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet fuq pjattaformi. Il-kumplament tal-lista pprovduta mis-SE kienu approvati u se jingħataw.

Permessi tal-festa ta' San Ġużepp.

**47.08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Memorandum mal-Iscouts (RLC)**
Dan l-abbozz flimkien ma' dak muri f'47.09 kienu kkunsidrati mil-KLR b'reqqa kbira. Hawn kien deċiż illi l-kuntratt mal-Awtorità tal-Artijiet u l-Iscouts irid ikun b'tali mod illi l-art tal-Iscouts tkun devoluta lill-iscouts. Għaldaqstant, għandu jkun irtirat dak tal-iscouts mal-Awtorità tal-Artijiet u jkun devolut lilna l-art ta' faċċata tal-eks Tattingers.

KLR u l-Iscouts

**47.09** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Lease Agreement (Lands) tal-Iscouts**
Ara 47.08

**47.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Memorandum mal-EWA (dimming tal-lampi tat-toroq)**
Kien ikkunsidrat il-memorandum mal-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija. Hawnhekk il-Kunsill iddeċieda illi se jiffirma l-Memo għaliex m'hemm l-ebda' problema.

Memorandum mal-EWA dwar dimming ta' street lighting

**47.11** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Ftehim ma' Tum Invest tal-Ġnien tal-Baħrija quddiem il-Knisja l-Ġdida**
Dan l-iffirmar sar għand in-Nutar Sam Abela u kien fuq l-istess linji li ilu jiddiskuti dan il-kunsill għal mill-inqas sitt xhur. Issa se nkunu qed nagħmlu użu minn art tal-privat biex fil-Baħrija jkun hemm spazju wkoll għall-KLR.

Tum Invest - ftehim

**47.12** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-First Level Controller (Interreg – Malta, Italia)**
Minħabba li dan il-kuntratt kien jaffettwa l-immaniġjar tal-fondi tal-Interreg tal-Unjoni Ewropeja, fl-aħħar laqgħa kien deċiż illi jingħata lill-uniku bidder li kien hemm. Dan issa jinsab fil-fażi ta' għaxart ijiem fejn wieħed jista' jressaq appell.

Ġnien San Duminku – Interreg (FLC)

**47.13** **Żjara tal-Papa fir-Rabat (għeluq ta' toroq, clearances ta' vetturi, permessi tal-Kunsill, involviment tal-NGO's**
Is-Sur Rudolph Grima ikkummenti dwar iż-żjara tal-Papa fir-Rabat, propjament dwar il-post riżervat għall-kunsillieri. Hu qa illi kien hemm diżorganizzazzjoni għaliex fis-sit laħqu daħlu membri tal-pubbliku li kkapparrawh minn siegħat qabel il-wasla tal-Papa. Dwar din iż-żjara, is-Sindku qal illi seta' kien hemm aktar organizzazzjoni mill-Kumitat Ċentrali speċjalment fejn qagħdu n-nies. Is-SE qal illi anke fejn kellha toqgħod il-banda ffurmata minn żewġ każini tal-banda laħqu daħlu membri tal-pubbliku u kienet diffiċli ferm biex taw spazju lill-bandisti.

Żjara tal-Papa fir-Rabat

**47.14** **Biex ikun appuntat il-bord ta' evalwaturi għall-offerta pubblika tal- Tender for the supply of pots, trees, and plants, including planting and maintenance using environmentally friendly materials and practices RLC 201/21R**

RLC 201/21R

Kien appuntat il-bord kompost minn Roberta Galea bħala Ċerpersin, Dr Richard Sladden bħala membru, is-SE bħala Segretarju tal-Bord u żewġ membri li se jkunu disponibbli li jiltaqgħu meta jkunu disposti dawn il-membri. Għal din l-offerta hemm biss bidder wieħed.

**47.15** **SPI.SCI.3.2022 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Strorići f'Malta 2022/2023**

Restawr ta' San Pawl taż-Żurżieqa.

Kien deċiż illi napplikaw biex ikun restawrat San Pawl taż-Żurżieqa li jinsab fuq iz-zuntier tal-Bażilika ta' San Pawl. Hawn is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi r-restawr tal-istatwi u l-pedestalli ta' San Pietru u San Pawl li tlestew qabel iż-żjara tal-Papa fir-Rabat, kien kummissjonat kollu mill-Ministeru tal-Infrastruttura, Trasport u Proġetti Kapitali u intemm fil-ħin, liema spiża kienet tilħaq is-€6,000.00

**47.16** **Biex Roberta Galea tkun appuntata bħala Communications Manager fil-proġett GIFLUID, tal-INTERREG**

Communications Manager

Il-KLR ma kellux problema biex jappunta lis-Sa Roberta Galea bħala Communications Manager fuq il-proġett tal-Interreg Italja Malta.

**47.17** **Talbiet għal kumpens – ħsarat fuq vetturi**

**47.17.01** Dwar it-talba għal kumpens fuq il-ħsara li saret fuq vettura meta waqgħu barikati li kienu qed jagħlqu it-turġien biex minn Triq ir-Rebħa tinżel għal Triq Santa Rita intqal illi ix-xogħol ma kienx tal-Kunsill Lokali tar-Rabat u barra minn hekk nafu li kien hemm it-tabelli tan-no parking imwaħħlin. Il-Kunsill mhux se jikkumpensa lil dan l-individwu.

**47.17.02** Dwar il-każ fejn xufier faqa' tyre fi Triq Ta' Landrijiet meta t-triq kienet qed issir bit-tarmak wara li iddaħħal għall-ewwel darba id-drenaġġ fl-inħawi, il-kunsillieri qalu illi r-rapport tal-Pulizija ma sarx on the spot u peress li minn hemmhekk jitilgħu posta vetturi, jidher illi x-xufier kien tiela b'veloċità elevata. Peress li x-xogħol ma kienx tal-Kunsill, il-KLR ma jistax jinżamm responsabbli minn dan l-aċċident.

**47.18** **Punti Oħra**

Kotba – Discover Rabat l-ewwel u t-tieni volum

Dwar il-kotba ta' Ms Pauline Dingli kien deċiż illi ktieb wieħed jinbiegħ għal €15 u tnejn flimkien jinbiegħu €25

**47.19** **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**

Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fit-20:40 u dik li jmiss se ssir nhar il-11 ta' Mejju fl-istess ħin.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum, 11 ta' Mejju 2022 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku